Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Numru. 1226/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**VS**
**ANDRE XERRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andre Xerri, ta' 25 sena iben Patrick u Margarete nee Baldacchino, mwieled Pieta, nhar is-16 t'April 1986 u residenti f'Villa Marrick Triq is-Seneskalk Naxxar , u detentur tal-karta tal-identita bin-numru  181886(M);

Billi huwa akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, bhar il-15 ta'Gunju 2011, gewwa l-Mosta, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta''ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex ggieghel jitwemmen l-esistenza ta'intraprizi foloz,


Qrati tal-Gustizzja

jew ta’hila, setgha fuq haddiehor, jew ta krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ mawar 335Ewro ghad-dannu ta’ Joshua Grima;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi, bi hsara ta’ Joshua Grima ghamel xi qliegh b’qerq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat Andre Xerri, hati skond l-akkuza b’assorbiment ghal fini ta’piena tat-tieni akkuza fl-ewwel akkkuza u wara li rat Artikoli 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’Malta tillibera lill-imputat Andre Xerri bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2).

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina

penali nadifa tieghu, l-eta govanili tal-imputat u il-fatt illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------